MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 73/2011

**John A Bamber**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-14 ta’ Frar 2011 fejn ippremetta s-segwenti:

“1*. Illi huwa gie notifikat b’ittra ufficcjali datata 29 ta’ Dicembru 2010 li permezz taghha ntalab il-hlas ta’ hamest elef sitt mija u wiehed Ewro (€5,601).*

*2. Illi din it-talba ghandha tigi respinta minn din l-Onorabbli Qorti bhala ghal kollox illegali u nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

*3. Primarjament, b'mod preliminari il-mittenti jikkontendi illi l-ittra ufficcjali mertu ta' dawn il-proceduri hija nulla u bla effett stante li hija nieqsa minn element essenzjali skond il-ligi sabiex jigu prezentati atti fil-Qorti u senjatament:*

*i. Ma hemmx indikat in-numru tal-karta ta' identita' tar-rikorrenti;*
*ii. L-ittra ufficcjali hija nieqsa mir-referenza specifika ghall-ligi w ghall-Artikolu ta' Ligi li fuqha qed tigi bbazata t-talba.'*

*4. Subordinatmaent u bla pregudizzju ghas-suespost it-talba maghmula ghas-snin 2000, 2001, 2002 u 2003 hija preskritta.*

*5. Ulterjorment u bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa esagerat.*

Ghalhekk ir-rikorrenti umilment talab li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara bhala null u bla effett it-talba maghmula fl-ittra datata 29 ta' Dicembru 2010 ghar-ragunijiet fuq esposti.

B'riserva ghal kull dritt iehor spettanti lill-mittenti.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif prezentata fl-atti nhar l-1 ta' Marzu 2011 fejn eccepixxa is-segwenti:-

*1. Illi in linea preliminari r-rikors promotur huwa null u inattendibbli billi ma huwa bazat fuq l-ebda disposizjoni tal-ligi.*
*2. Illi minghajr pregudizzju u dejjem in linea preliminari t-titolu esekuttiv ivvantat mill-esponenti fl-ittra ufficcjali bin-numru 5527/2010 fl-ismijiet inversi gie ottenut qabel u independentement mill-hrug ta' l-imsemmija ittra ufficcjali. Isegwi allura li l-kontestazzjoni tal-quantum ta' taxxa dovuta mir-rikorrenti ma tistax issir f'azzjoni li tattakka l-ittra ufficcjali kif qieghed zbaljatament jippretendi r-rikorrenti.*

*3. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost din l-Onorabbli Qorti mhix vestita bil-kompetenza li tissindika l-quantum tat-taxxa dovuta mir-rikorrenti liema sindikar jista' jsir biss a tempo debito u skond il-procedura stipulata bl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*4. Illi dejjem in linea preliminari ir-rikors promotur huwa irritwu u null stante li l-karta ta' l-identita numru 46536 (M) ma hix ta' John A. Bamber.*

*5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretensonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin.*

*a. Illi l-ittra ufficcjali in kwistjoni tindika kemm in-numru tal-karta ta' identita' tar-rikorrent kif ukoll l-artikolu tal-ligi li ai termini tieghu inharget l-ittra ufficcjali. F'kull kaz, u dejjem minghajr pregudizzju, l-ebda nuqqas f'dan is-sens ma jgib l-allegata nullita' kif pretiz mir-rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-rikors tieghu.*

*b. Illi kuntrarju ghal dak li qed jallega r-rikorrenti l-azzjoni tal-gbir ta' taxxa dovuta mhix preskritta u dan kif ser jigi ampjament ppruvat jekk ikun il-kaz waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*c. Illi l-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u taxxa addizzjonali fuq id-dhul ai termini tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mir-rikorrenti fl-intier taghha.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri*."

Ghaldaqstant il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab li t-talba tar-rikorrenti tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-affidavit ta' **Noel Mangion** pprezentat fl-atti nhar il-25 ta' Mejju 2011, ufficcjal amministrattiv fit-Taqsima tal-Gbir fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u spjega li dak li kien ser jghid jirrizultalu minn verifiki li huwa ghamel fil-file relattiv. Qal li t-taxxa ghas-snin 2000 sa 2007 u tas-sena 2009 ghadhom sa llum dovuti mir-rikorrenti Karta ta' Identita' numru 439349(M) fl-ammont ta' Euro 5,601.

Qal li r-rikorrenti naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa ghas-snin ta’ stima 2000 sa 2007 fiz-zmien stipulat. Il-Kummissarju ma kellux triq ohra salv li johrog stimi ghas-snin imsemmija. Kien biss fid-29 ta’ Frar 2008 li ntbaghtu l-formoli tat-taxxa mit-*tax payer* ghal dawn is-snin. Hawn it-taxxa giet ibbazata fuq *self assessment* ossia l-ammont ta’ taxxa li huwa stess iddikjara bhala dovut, kif ukoll taxxa addizzjonali u interessi. Ghas-sena ta’ stima 2009, it-*tax payer* gie meqjus bhala *non-filer* ghalhekk ircieva *statement* mid-dipartiment datat l-1 ta’ Lulju 2009.

L-ewwel tentattiv biex jingabar it-taxxa dovuta kien permezz ta’ proposta ta’ ftehim mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond l-Avviz ta’ Ezenzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment fl-4 ta’ Settembru 2009 (Dok KTI1). Peress li r-rikorrenti ma rritornax dan il-ftehim flimkien mal-hlas relattiv fiz-zmien stipulat, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni pproceda billi hareg Avviz ta’ Talba ghall-hlas skond l-Artikolu 44(2A)(c) ta’ l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, li jgib id-data tad-19 ta’ Novembru 2010 (Dok KTI2). Ikkonferma li l-imsemmi Avviz ta’ Talba ghall-hlas intbaghtet u gie nnotifikat skond l-Artikolu 29 tal-Kap 372.

Wara li din it-talba ghal darb’ohra ma halliet l-ebda ezitu, il-Kummissajru tat-Taxxi Interni kien kostrett li jipprezenta l-Ittra Ufficjali datata 29 ta’ Dicembru 2010 (Dok KTI 3). Dan biex jirrendi it-Titolu Ezekuttiv diga’ ottenut bl-Avviz ta’ Talba ghall-hlas esegwibbli skond l-Artikolu 40(1)(c) tal-Kap 372 kif indikat fl-istess ittra ufficcjali.

Rat in-nota ta’ referenzi tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni prezentata fl-atti nhar it-13 ta’ Lulju 2011 (fol 43).

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza r-rikorrenti ghalkemm allega hafna affarijiet fir-rikors promotur tieghu ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta’ dak li allega u dan minkejja l-principju generali f’proceduri civili li *onus probanti incumbit et qui dicit non et qui negat*. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fir-rikors. Jinghad ulterjorment li

fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah.

Jirrizulta li huwa kien gie notifikat bl-Ittra Uffiċjali numru 5527/2010 (kif indikat mill-intimat fir-risposta tieghu) tad-29 ta’ Novembru  2010, liema ittra ma hemmx dubju saret mill-intimat sabiex in segwitu  jikseb il-ħruġ ta’ mandati esekuttivi taħt l-Art. 40 tal-Kap. 372 biex jiġbor it-taxxa mingħand ir-rikorrenti.  Dak l-istess artikolu pero’ jipprovdi wara li jgħid li xi stimi u avviżi maħruġa taħt l-istess Kap. 372 jitqiesu titoli esekuttivi, kif għandu jimxi l-intimat għall-esekuzzjoni ta’ dawk it-titoli.  In effetti d-dispożizzjonijiet relevanti jipprovdu illi jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun bagħat avviż għall-ħlas tat-taxxa, dak li lilu jintbagħat l-avviż ma jħallasx fi żmien ħmistax, il-Kummissarju jista’ jtenni t-talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju u, wara jumejn min-notifika ta’ dak l-att, ikun jista’ jikseb il-ħruġ ta’ mandati esekuttivi. Ghalhekk jekk ir-rikorrenti ma ha l-ebda passi sabiex jattakka it-talba ta’ hlas ta’ taxxa fi zmien hmistax-il jum, ma jistax illum jigi sabiex jattakka l-ittra ufficcjali u dan ghaliex huwa konsentit li tali talba saret titolu esekuttiv u ghalhekk l-intimat jista’ liberament jipprocedi bil-hrug ta’ mandati esekuttivi.  Dak li qed itenni r-rikorrenti fir-rikors tieghu li l-ittra ufficcjali ma saritx skond il-Ligi (ghalkemm jirrizulta ghal Qorti li saret skond il-Ligi) ma jreggix bhala raguni ‘l ghala din il-Qorti ghandha tirrevoka it-titolu esekuttiv li ghandu l-intimat.

Ir-rikorrenti ma kkontestax tali procedura ghal ragunijiet maghrufa minnu, izda mhux ghaliex ma kienx gie notifikat bl-Avviz,  u ghalhekk illum l-intimat ghandu  titolu esekuttiv kontra r-rikorrenti skond id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 60A tal-Kap. 364.**  Illi dan ifisser li kemm-il darba dan huwa l-kaz, li r-rikorrenti ma wzax il-mezzi disponibbli ghalih skond id-disposizzjonijiet appositi tal-imsemmi Att, mela allura llum m’huwiex f’posizzjoni li jattakka l-ittra ufficjali mahruga abbazi tal-**Artikolu 466 tal-Kap. 16** datata 29 ta’ Dicembru 2010, u dan peress li gja hemm titolu esekuttiv skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 364.**

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie deciz mill-Qorti ta’ l-Appell, u dan minn sentenza taghha kif

presjeduta moghtija nhar l-10 ta' Jannar 2011 fl-ismijiet **'Lawrence Borg vs Kummissarju tat-Taxxi Interni',** liema sentenza nghatat mill-Qorti ta' l-Appell ricentement nhar it-28 ta' Gunju 2011, fejn gie ritenut is-segwenti:

'*Illi għalhekk jidher biċ-ċar li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji lilu spettanti mil-liġi sabiex jikkontesta l-kont tal-intimat li fil-fehma tiegħu kien arbitrarju. Dan mhux il-forum idoneju u semmai r-rikorrenti messu ppreżenta appell, ħaġa li m'għamilx, u għalhekk din il-Qorti tiddikjara li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi rifjutata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat.*'

Din hija proċedura differenti minn dik taħt l-Art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
Dak l-artikolu jgħid illi meta dipartiment tal-gvern ikollu jieħu mingħand xi ħadd, il-kap ta' dak id-dipartiment jista' jagħmel dikjarazzjoni maħlufa li fiha jgħid x'inhu d-dejn, jinnotifika dik id-dikjarazzjoni b'att ġudizzjarju lil min ikollu jagħti, u, jekk dan ma jikkontestax it-talba b'rikors fi żmien għoxrin jum minn notifika, id-dikjarazzjoni titqies daqs li kieku ġudikat, *i.e.* tkun titolu esekuttiv.
Għalhekk, fil-każ tal-lum, in *poche parole* l-intimat kellu titolu esekuttiv qabel in-notifika tal-att ġudizzjarju – u dik in-notifika hija meħtieġa biss għall-esekuzzjoni tat-titolu – waqt illi bil-proċedura taħt l-Art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili t-titolu jinkiseb biss jekk ma ssirx kontestazzjoni fiż-żmien li tagħti l-liġi jew jekk il-kontestazzjoni ma tirnexxix.
Dan ma jfissirx illi ma hemmx rimedju għal min ma jaqbilx ma' stima maħruġa mill-intimat kif donnu qed jghid ir-rikorrenti ghaliex fil-fehma tieghu hija eccessiva; ifisser biss illi r-rimedju ma huwiex dak magħżul u mitlub mir-rikorrenti. Appell kontra l-istimi u l-avviżi maħruġa mill-intimat isiru taħt id-dispożizzjonijiet tat-taqsima VI tal-Kap. 372. Jista' jsir appell quddiem Bord ta' Kummissarji Speċjali taħt l-Art. 34, u minn deċiżjoni ta' dak il-bord jista' jsir appell fuq punt ta' liġi biss quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-kompetenza inferjuri jew superjuri skond il-*quantum* tal-kontestazzjoni. Izda zgur li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li tissindika l-quantum *o meno* ta' l-istimi li hareg id-dipartiment.

Dwar dak li ssoleva ir-rikorrenti fir-rikors tieghu fir-raba' punt fejn ikkontenda li t-talba tal-intimat hija preskritta, jinghad li l-istess rikorrenti naqas li jistipula taht liema Artikolu tal-Ligi huwa jemmen li l-azzjoni odjerna hija preskritta. Issa skond l-**Art. 2111** il-Qorti ma tistax ex-officio taghti effett ghal preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata, li jfisser li l-Qorti ma tistax tissuplixxi ex-officio ghan-nuqqas tal-parti u m'ghandhiex ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokha" (Prim'Awla (PS) <u>Donald Manche noe vs Joseph Said – 28 ta' Gunju 2003</u> – sottolinear ta' dan il-Qorti ).

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, tichad ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti datat 14 ta' Frar 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet decizi aktar 'il fuq.**

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------